# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANTA RITA



**IL-ĦAMIS,**
**14 TA' MEJJU 2009**
***L-AĦĦAR ĦAMIS TA' SANTA RITA***

Fid-9.05 am tingħad il-kurunella, qari tal-grazzji mitluba u maqlugħa u quddiesa.
**6.45 pm** jingħad ir-Rużarju u l-kurunella, Quddiesa bl-aħħar ħsieb fuq il-qaddisa, adorazzjoni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IS-SIBT, 16 TA' MEJJU 2009.**
**JUM IL-MORDA U L-ANZJANI.**

**Quddiesa fid-9.30 am** u dilka tal-Ġriżma Mqaddsa. Tingħata tifkira lil dawk preżenti. Din il-quddiesa tixxandar fuq Radju Maria

**IT-TNEJN 18 TA' MEJJU 2009.**

**Fil-5.00 pm** laqgħa għat-tfal kollha tad-duttrina fil-knisja fejn nitolbu flimkien u naħsbu fuq il-ħajja tal-qaddisa b'reċta żgħira.

***JIEM TA' TRIDU***
**IT-TLIETA, L-ERBGĦA U L-ĦAMIS**
**19, 20 U 21 TA' MEJJU 2009,**

**Jiem ta' tridu bi tħejjija għall-festa tal-Qaddisa ta' l-impossibli.**
**Fis-6.45pm,** Rużarju u kurunella, Quddiesa minn ***Patri Mario Galea OFM Conv.*** li jagħmel ukoll it-tridu. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, kant ta' l-innu ta' Santa Rita u bews tar-relikwija.

**IL-ĠIMGĦA 22 TA' MEJJU 2009,**
**JUM SANTA RITA.**

**Quddies, fis-6.00 am, 7.15 am fil-kant tas-salmi, fit-8.15 am, fid-9.30 am, fl-10.30 am, fil-11.30 am.** F'nofs in-nhar tingħad is-supplika ta' Santa Rita u wara l-quddiesa.
**5.00 pm** Quddiesa letta
***6.00 pm*** pellegrinaġġ mat-toroq tal-Belt,
**7.15 pm** Quddiesa Solenni tal-Festa ta' Santa Rita. Imexxi l-Provinċjal P. Luċjan Borg u jagħmel l-Omelija.

***SANTA RITA ITLOB DEJJEM 'L ALLA GĦALINA.***

*PROGRAMM SANTA RITA 2009*



**Maħruġ mill-Kummissjoni Fuljett Parrokkjali u l-Kumitat Festa Santu Wistin**

## Ħajr lil ...

- P. Luċjan Borg O.S.A. għall-*proof-reading*.

- Tufigno Photo Studio għar-ritratti.

- dawk kollha li kitbu l-artikli.

- ħwienet u ditti li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.

- Vincent Grech Mallia, Mario Mintoff u Lina Mamo għall-ġbir ta' l-offerti mingħand il-ħwienet.

- dawk kollha li ser jgħinu fit-tqassim ta' dan il-ktejjeb.

- il-*helpers* l-oħra kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna.

- *Layout & Typesetting,*
Fr. F. Saviour Grima O.S.A.

Kunvent S. Wistin
Triq l-Ifran Valletta VLT 1452
Tel. 21238861 Fax 21233684
Mob: 79617366
*E-mail: osaparish@euroweb.net.mt*
*www.santuwistin.org*
*www.stagustinechurchtour.com*

## ĦA NGĦID, MULEJ, X'INTI GĦALIJA



Is-salib il-ġdid ta' l-istatwa ta' Santu Wistin

**Min jagħtini li nistrieħ fik"**
**Min jagħtini li tiġi f'qalbi**
**u timlieħa bik,**
**biex ninsa l-ħażen tiegħi**
**u nitgħannaq miegħek**
**inti li int il-ġid waħdieni tiegħi?**
**X'inti għalija?**
**Ħenn għalija,**
**ħa ngħid x'inti għalija.**
**X'jiena għalik**
**biex tordnali nħobbok,**
**u jekk ma nħobbokx**
**tagħdab għalija**
**u tħeddidni b'għawġ kbir?**
**Mhux ġa għawġ li ma nħobbokx?**
**Miskin jien!**
**f'ġieħ il-ħniena tiegħek,**
**għidli, Mulej,**
**Alla tiegħi, x'tista tkun għalija.**
**Għidli: "Jien is-salvazzjoni tiegħek".**
**Għajjat ħa nisma'.**
**Ara, widnejn qalbi quddiemek, Mulej:**
**iftaħhomli u għidli:**
**"Jiena is-salvazzjoni tiegħek!"**
**Niġri wara leħnek**
**ħa naqbek.**
**taħbix wiċċek minni,**
**ukoll jekk immut meta narak,**
**biex ma mmutx**
**mingħajr ma narak.** ***Stqarrijiet V,5***


Paġna 4


Paġna 18


Paġna 10

*EDITORJAL*